# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta tat-22 ta' Marzu, 2001.**

**Rikors Numru 1927/98FS**

**Edrichton Holdings Limited u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 1998 l-atti gew trasfuzi f'isem Edrichton Estates Limited**

**vs**

**Emanuel Vella**

Il-Qorti,

Rat r-rikors li bih is-socjeta' Edrichtion Holdings Limited eccepiet:

1. Illi l-mandat fl-ismijiet u bin-numru hawn fuq premess gie milqugh minn din l-Onorabbli Qorti b'digriet taghha tad-29 ta' Mejju 1998.

2. Illi konsegwentament s-socjeta' rikorrenti ddeduciet it-talbiet taghha quddiem din l-Onorabbli Qorti b'citazzjoni kopja ta' liema giet annessa.

3. Illi nonostante il-hrug u n-notifika tal-mandat hawn fuq premess, l-intimat baqa’ ghaddej bix-xogholijiet liema xogholijiet hu kien mizmum bil-ligi milli jaghmel skond l-att kawtelatorju hawn fuq premess.

4. Illi meta kompla xogholijiet hu ghamel dan b'disprezz lejn din l-Onorabbli Qorti,

5. Illi ghalkemm interpellat jottompera ruhhu mal-mandat hawn fuq premess, l-intimat baqa’ inadempjenti.

6. Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti, filwaqt li gabet dan kollu a formali konjizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, talbet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

a: tiehu dawk il-passi kollha necessarji li jidrulha xierqa u opportuni kontra l-intimat ghar-rigward id-disprezz lejha;

b: tordna r-ripristinu tal-fond fi zmien qasir u perentorju u taht dwak il-kundizzjonijiet li jidhrulha xierqa;

c: in difett tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti teffettwa x-xogholijiet necessarji a spejjez ta' l-intimat.

Rat ir-risposta ta'  Emanuel Vella li eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari ir-rikors odjern huwa wiehed irritu w ghalhekk invalidu, null u bla effett stante illi ma jghamel ebda referenza ghad-digriet preciz jew almenu identifikkabli stante illi inqas id-data ma nghatat jew issemmiet;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal-premess l-intempestivita tar-rikors odjern stante illi l-intimat qatt ma gie nterpellat jghamel xejn wara l-hrug tal-mandat in kwistjoni wisq inqas li jottompera ruhhu ma' l-istess;

3. Illi in mertu u minghajr pregudizzju ghal premess huwa kompletament infondat illi b'xi mod l-intimat ghamel xi xogholijet illi kien mizmum bil-ligi milli jaghmel b'xi att kawtelatjoru kwalsiasi u partikolarment dak fuq imsemmi u dan anke kif jista jigi pruvat bix-xhieda tal-perit artikett Christian Spiteri illi spezzjona l-fond fis-26 ta' Mejju 1998 kif wkoll konsegwentament;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha u ohrajn kif jistghu ahjar jirrizultaw lil din l-Onorabbli Qorti ghandu tissospendi t-talba rikorrenti u dan previa okkorendo dikjarazzjoni illi tali azzjoni hija wahda versatorja u unikament intavolat sabiex iddejjaq u tivvessa lill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Illi xehed Anthony Demajo direttur ma` Edrichton Estates Limited li ssuccediet ghal Edrichton Holdings Limted. Semma li xi zmien ilu fil-kapacita` tieghu premessa ottjena l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra Emanuel Vella u dan kien fuq xi xogholijiet li kienu qeghdin isiru fuq flat no. 1 ta` Bulebel Qawra, Triq it-Tartarun, u dan hareg fid-29 ta` Mejju 1998. Pero` wara li hareg il-mandat xorta wahda baqghu jsiru x-xogholijiet tant li llum il-gurnata x-xogholijiet tlestew. Ix-xogholijiet saru mill-owner li huwa Emanuel Vella. Semma li wara l-mandat kien mar fuq il-post u ra l-haddiema jahdmu masonry work fuq l-extension tal-villa mhux xoghol fuq is-swimming pool. Zied li meta mar f` Gunju u f`Lulju x-xogholijiet kienu spiccuti fis-sens li kien sar hafna xoghol wara. F`Gunju meta mar sab il-haddiema, f` Lulju le.
Meta mar f`Gunju kien hemm truck barra, kien hemm haddiema fuq il-post, kien qed isir it-tikhil u tibjid tal-estensjoni l-gdida. F` Gunju l-construction work kien kwazi lest hlief ghall-balavostri. Inoltre zied li llum il-gurnata l-balavostri qieghdin hemm. Fit-13 ta` Mejju 1998 kellem lill-intimat u ha r-ritratti esebiti.

Emmanuel Vella xehed li l-propjeta` in kwistjoni hija r-residenza tieghu personali fis-sens li jghix fiha flimkien mal-familja tieghu.

Sostna li f`Mejju 1998 kien gja jghix fiha flimkien mal-familja tieghu qabel l-1998. Ried jaghmel xoghol halli jaghmel garaxx u kcina fuq. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti f`illi jinqata` l-blat u bil-precast isiru l-garaxx u l-kcina msemmija. F`jumejn u nofs qatta il-blat u f` temp ta` hamest ijiem, gimgha kollox kien mibni. Semma li meta kellmu s-Sur Demajo kellu l-basement gja mdawwar bil-bricks kollu. Sakemm sar ix-xoghol kollu kien baqa' joqghod id-dar flimkien mal-familja.

Xehed li wara li ircieva l-mandat ta` inibizzjoni kull ma ghamel huwa li ghalaq il-bieb tal-garaxx kif ukoll ghamel balavostri fuq u dan minhabba li t-tfal jistghu jaqghu. Fil-garaxx wahhal il-bieb biss permezz ta` roller. Fuq il-garaxx hemm terrazzin u ghamel il-balavostri biex ma jaqghux it-tfal tat-tfal. Dan ix-xoghol kien kollu lest sa qabel id-29 ta` Mejju.

Ikkunsidrat

Illi l-intimat eccepixxa li r-rikors odjern huwa wiehed irritu w ghalhekk invalidu, null u bla effett stante illi ma jghamel ebda referenza ghad-digriet preciz jew almenu identifikkabli stante illi inqas id-data ma nghatat jew issemmiet. Dan illum gie rimedjat bid-data tad-29 ta' Mejju, 1998. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha aktar.

Fit-tieni lok l-intimat eccepixxa l-intempestivita tar-rikors odjern stante illi l-intimat qatt ma gie nterpellat jghamel xejn wara l-hrug tal-mandat in kwistjoni wisq inqas li jottompera ruhhu ma' l-istess. Hawn ukoll din il-Qorti ma tistax hlief tichad din l-

eccezzjoni. Minn-natura tieghu stess mandat ta' inibizzjoni ma ghandux bzonn ta' ebda interpellazzjoni sussegwenti izda hu fih innifsu ordni immedjata biex l-intimat ma jkomplix u ghalhekk din l-eccezzjoni hi bla sens legali. Ghalhekk hi michuda.

Fit-tielet log l-intimat eccepixxa li ma ghamilx xoghol wara l-hrug tal-mandat.

Ir-rikorrent wara li spjega li ottjena il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni semma li l-intimat baqa' ghaddej bix-xoghol ta' kostruzzjoni. Izda sfortunatament ma tantx ta dettalji ta' liema xoghol sar. Semma l-ballvostri. Semma li impossibli li sar dak ix-xoghol kollu minn-meta mar sakemm reggha mar jekk mhux ghax kompla wara l-hrug tal-mandat. L-istess intimat jammetti li ghamel il-ballavostri. Jammetti li wahhal il-bieb tal-garage izda xehed li ma ghamilx xoghol iehor hlief tibjid. Xoghol ir-rikorrent kellu jkun li jiehu mieghu Perit Arkitett fuq il-post in kwistjoni li jirrilaxxja rapport ta' liema stat kien fih il-bini u dan jigi konfermat bil-gurament. Jinghad ukoll li mhux biz-zejjed li wiehed jesebixxi ritratti mehudin hmistax qabel ghax matul dan iz-zmien setgha sar hafna xoghol u liema xoghol sar jista' jigi stabbilit bil-provi mhux b'dak li normalment hu ragonevoli. U din il-Qorti fejn taf liema sar qabel u liema sar wara jekk mhux bil-provi.

Minn-naha l-ohra irrizulta car li l-intimat ma tax kaz tal-ordni tal-Qorti fil-mandat. Hu xorta ghamel il-bieb tal-garage u l-ballavostri. Hu jargumenta li dan sar bhala sigurta' u minhabba t-

tfal. Jekk stess deherlu hekk setgha dejjem jaghmel rikors ghal dan l-iskop. It-tfal setgha ma jhallihomx johorgu fuq it-terrazzin.

Ghal dawn il-motivi ssib it-talba tar-rikorrent gustifikata kif issemma hawn fuq u limitatament ghal dak imsemmi. Mhux il-kaz li fil-provi limitati li hemm din il-Qorti tiehu passi dwar disprezz oltre li tammonixxi lill-intimat. Dwar it-talba tar-rikorrent biex isir ix-xoghol ghall-istat pristin din il-Qorti irrizultalha biss il-bieb tal-garage u l-ballavostri. Mhux il-kaz li tordna dwar il-bieb tal-garage minhabba mizuri ta' sigurta`. Dwar il-ballavostri dawn ghandhom jinqalghu fi zmien gimgha mil-lum. L-intimat stess semma kemm jaghmel dan ix-xoghol malajr ghall-kostruzzjoni. Ma hemmx raguni ghala t-tnehhija ghandha tohodlu aktar hin. Il-Qorti tirriserva li jekk dan ix-xoghol ma jsirx tiehu l-passi opportuni dwar disprezz u taghmilha cara li ma tiehux linja bhal din id-darba.

Fin-nuqqas li jsir x-xoghol fi zmien gimgha il-Qorti tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti taghmel dan ix-xoghol hi a spejjez tal-intimat. Pero' ghandha taghmel rikors ghad-direzzjonijiet opportuni u biex tinforma lill-Qorti dwar in-nuqqas.

Spejjez kontra l-intimat.